MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 359/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Novembru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi fit-28 t'Ottbru, 2005, l-attrici pprezentat Mandat ta' Inibizzjoni numru 171/05 fl-ismijiet: A vs B, sabiex twaqqaf lill-konvenut milli jiehu barra minn Malta lill-minuri li twieldet fil-25 ta' Gunju, 2003.

Illi l-attrici tixtieq li l-minuri titnehha minn fuq il-passaport tal-konvenut jekk hu l-kaz; li l-konvenut jiddepozita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-kaz fil-Qorti jew ma' awtorita kompetenti ohra; li l-minuri ma titnizzilx fuq il-passaport tal-konvenut.

Illi l-attrici tixtieq li l-minuri ma tithallhiex tohrog minn Malta minghajr il-permess ta' din l-Onor Qorti.

Illi l-konvenut twieled barra minn Malta u ghad ghandu familjari barra minn Malta u ghalhekk minhabba l-biza' ta' l-attrici li l-konvenut jiehu lit-tifla minuri minn Malta u jahrab biha, l-attrici pprezentat 'il fuq imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni u l-prezenti procedura.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tikkonferma permanentement il-Mandat ta' Inibizzjoni numru ipprezentat fit-28 t'Ottubru, 2005 fl-ismijiet: A vs B

2. tordna li t-tifla minuri li twieldet fil-25 ta' Gunju, 2003 ma tithalliex tohrog minn Malta minghajr il-permess tal-Qorti.

3. tordna li l-konvenut jiddepozita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-kaz, ma' din il-Qorti jew ma' awtorita kompetenti ohra li jidhrilha opportuna li tinnomina l-Qorti.

4. tordna lill-ufficjal ewlieni tal-passaporti sabiex il-minuri ma titnizzilx fuq il-passaport tal-konvenut.

5. tordna lill-ufficjal ewlieni tal-passaporti sabiex inehhi lit-tifla minuri minn fuq il-passaport tal-konvenut jekk dan hu l-kaz.

6. tordna n-notifika tas-sentenza eventwali lill-awtoritajiet kompetenti kollha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat fit-28 t'Ottubru, 2005 kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet u kwindi huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu, 2006 li permezz taghha l-kawza giet differita ghas-sentenza wara li semghet lill-attrici.

Ikkunsidrat;

Illi wara li semghet lill-attrici thoss li t-talba taghha ghandha tkun milqugha.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici. L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------